# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.

Numru 77

Citaz. Nru: 2341/99 GV

Doc. 58-01

**Eurobridge Shipping Services Limited**

**vs**

**Anthony Scicluna**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,020.70) liema somma hija dovuta bhala import ta' zewg kambjali (Dok. A u Dok. B) accettati u skaduti;

Premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar, 1997, izda huwa baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemi debitu;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tiddecidi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas minnufih lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,020.70) liema somma hija dovuta bhala import ta' zewg kambjali (Dok. A u Dok. B) accettati u skaduti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar, 1997, u bl-imghax mid-data tal-iskadenzi rispettivi taz-zewg kambjali (Dok. A u Dok. B) kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 26 fejn eccepixxa:

1. Illi l-kambjali riferiti fic-citazzjoni huma nulli stante illi gew iffirmati in konsegwenza ta' zball da parti tal-konvenut u minhabba theddid u vjolenza morali ezercitata mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut;

2. Illi huwa qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici sabiex tezegwixxi xi nkarigu ghan-nom tieghu u huwa qatt ma kkontratta negozju mas-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-atturi;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din l-Qorti: tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,020.70 dovuta bhala import ta' zewg kambjali accettati u skaduti.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa n-nullita' tal-kambjali stante li dawn gew iffirmati in konsegwenza ta' zball u minhabba theddid u vjolenza morali ezercitata mis-socjeta' attrici; Illi huwa qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici sabiex tezegwixxi xi nkarigu ghan-nom tieghu u huwa qatt ma kkontratta negozju mas-socjeta' attrici.

**PROVI**

**Ronald Saliba**, Direttur u *Financial Controller*, xehed li l-kambjalijiet in kwistjoni skadew u ma thallsux. Il-konvenut kien hallas b'*cheques* li bbawnsjaw u ghalhekk hu gieghel lill-konvenut jaghmel kambjali billi dana kien qed jippretendi jiehu xoghol iehor ghalkemm ma kienx hallas ta' qabel. Id-dati ta' l-iskadenzi tal-kambjali kien ghazilhom il-konvenut u hu ma gie bl-ebda mod sfurzat jew mgieghel biex jiffirma.

**Il-konvenut** fl-affidavit tieghu xehed li hu qatt ma qabbad lill atturi jirrendu s-servizzi taghhom. Dawn kienu jigu mqabbda mill-agenti taghhom barra minn Malta. Kien hemm perjodu meta l-kumpanija tieghu kienet tinghata *credit period* cioe' li thallas wara li tirtira d-dokumenti u mhux dak il-hin stess. Darba minnhom kien irtira d-dokumenti u meta mar biex jiehu l-merkanzija qalulu li kellhom ordni biex il-konsenja ma tigix rilaxxata. Meta kellem lill Ronald Saliba dan qallu li biex jiehu l-merkanzija kellu jhallas fi flus kontanti mmedjatament. Riedu wkoll jiffirma kambjali ghal bilanc pendenti li l-kumpanija Medeuro kellha maghhom fuq konsenji precedenti. Billi kellu bzonn il-merkanzija tal-Medeuro urgenti hu ffirma l-kambjali ghal bilanc precedenti u hallas kontanti ghal merkanzija mizmuma. Minhabba t-theddid ta' Saliba li ma jirtirax il-merkanzija jekk ma jiffirmax, ma kellux triq ohra hlief li jiffirma l-kambjali ghal ammont li ma kienx dovut minnu personali u li kienet giet rilaxxjata qabel. Kollox sar bil ghaggla u pressjoni minghajr cans ta' hsieb jew jiehu parir jew jikkonsulta ma martu.

Fuq kontro-ezami wiegeb li hu l-uniku direttur tal-Medeuro Trading. Hu kien iffirma kemm il-darba kambjali meta xtara karozzi u jaf xi tfisser kambjala. Id-data fuq il-kambjala kien ghamilha Saliba.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fl-ewwel eccezzjoni tieghu,** l-konvenut eccepixxa n-nullita' tal-kambjali stante li dawn gew iffirmati in konsegwenza ta' zball u minhabba theddid u vjolenza morali ezercitata mis-socjeta' attrici.

L-artikoli rilevanti ghall-kaz in ezami huma:-

L-artikolu 974: "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'eghmiel doluz, ma jkunx jiswa".

L-artikolu 978: [1] Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli w iggieghla tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.

[2] F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna".

Dawn l-artikoli gew hekk interpretati mill-gurisprudenza:-

"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut l-kunsens, u mhux biex jigi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottjeni dak il-kunsens" [Edgar G. Soler nomine vs. H. H. Sir David Campbell nomine - Vol.XXXIII, P.II, pp.431]

"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun **determinanti**, **ngusta u gravi** u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija imhollija intera-ment fil-prudenza tal-gudikant" [Rosario Bartolo vs. Giovanni Bartolo - Vol.XXIX, P.II,pp.749].

Sabiex vjolenza thassar il-kunsens, it-theddid jew pressjoni li ssir fuq persuna ohra ma jridx jikkonsisti f'semplici esercizzju ta' dritt. Fil-kaz in ezami s-socjeta' attrici kienet qed tinsisti mal-konvenut li jekk ma jhallasx il-bilanc li kien fadallu fuq merkanzija li kien irtira precedentement bla ma hallas, huma ma kienux ser jaghtuh il-konsenja li kienet waslet u li l-konvenut ried jirtira. Il-konvenut kien diga tahom qabel *cheques* li ma kienux issarfu ghall aktar minn darba u ghalhekk biex seta jiehu l-merkanzija l-konvenut intalab li jiffirma kambjali biex l-atturi jassikuraw ruhhom dwar il-pagament tal-bilanc li kien pendenti. Il-konvenut iffirma l-kambjali u ha l-merkanzija.

Ghalkemm fl-affidavit il-konvenut qal li ma kienx jaf x'kien l-import tal-kambjali, fuq kontro-ezami wiegeb li hu kien iffirma kemm il-darba kambjali meta xtara karozzi u jaf xi tfisser kambjala. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jghid li ma kienx jaf x'qed jiffirma u x'kienu l-konsegwenzi.

Fil-kaz in ezami ma jistax jinghad li saret xi pressjoni fuq il-konvenut li kienet tant gravi li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli jew li tiggenera biza li tesponih ingustament ghal-dannu gravi. F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna li tallega li saret pressjoni fuqha. F'dan il-kaz il-konvenut hu negozjant u mhux l-ewwel darba li kien innegozja ma' l-atturi.

Lanqas jista jinghad li ntuzat xi vjolenza li kienet determinabbli. Ronald Saliba cahad li hu sforza jew gieghel lill konvenut li jiffirma l-kambjali imma hu kien biss qed jezercita dritt biex jikkawtela l-pretensjoni tieghu. Ara decizjoni J Cost Chretien vs J Borda 15/12/61 Vol XLV p1 p 495.

**Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut** eccepixxa illi huwa qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici sabiex tezegwixxi xi nkarigu ghan-nom tieghu u huwa qatt ma kkontratta negozju mas-socjeta' attrici.

Illi l-azzjoni hija wahda kambjarja. L-eccezzjonijiet li huma persunali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikun jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandiex tkun imdewma. Art. 198 Kap 13.

L-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-aktar celerita possibili. Il-Kummerc jitlob il-heffa u l-ghagla fil-kontrattazzjonijiet u s-soluzzjoni guridika taghhom.

Ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara sentenza Kum. JMB Portelli vs Sullivan 17/10/89.

Fil-kaz in ezami mill-kambjali jirrizulta li dawn gew iffirmati mill-konvenut personalment u hekk gie mharrek. Dwar il-kwistjoni jekk l-ammont hux dovut mill-konvenut personalment jew mill-kumpanija minnu rapprezentata din hija kwisjtoni li ma tistax iddewwem il-hlas tal-kambjali. L-obbligazzjonijiet li johorgu mill-kambjala huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq l-istess kambjala.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tastjeni milli tikkonsidra aktar l-ewwel talba billi t-talba giet kontestata.u tilqa' t-tieni talba attrici kif dedotta bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**